MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 78/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Gafa`**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Mario Gafa` talli ghax-xahar ta’ Lulju 2009 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil Rita Gafa` u/jew lil uliedhom is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollu jhallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Frar 2010 li permezz

taghha dik il-Qorti, wara li rat l- artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' hames mija u tlettax-il euro (€513) fi zmien xahrejn ai termini ta' l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Gafa` pprezentat fil-25 ta' Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata li biha gie ddikjarat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-imputazzjoni hi preskritta; (2) li l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu hi wahda kontravvenzjonali izda xorta tirrikjedi l-volontarjeta`, pero` sab ruhu f'cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom minhabba *redundancy* u n-nuqqas tieghu kien involontarju; (3) li huwa ha passi immedjati fil-Qorti u d-dewmien kien dovut ghall-medjazzjoni obbligatorja; (4) li, minkejja li kien waqaflu l-introjtu, xorta baqa' jghaddi lil martu is-somma ta' Lm80 fix-xahar; (5) li t-talba ghal soprassessjoni giet imwarrba mill-ewwel Qorti filwaqt li anke lment kostituzzjonali tqies "frivolu u vessatorju"; (6) li huwa nstab hati hazin u d-drittijiet tieghu ngabu fix-xejn.

Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant isostni li l-azzjoni hija preskritta peress illi l-manteniment jirrigwarda x-xahar ta' Lulju 2009. Issa, il-perijodu preskrittiv ghar-reat kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 huwa ta' sitt xhur u ilu hekk sa minn meta dan il-paragrafu gie emendat bl-Att XVI tas-sena 2006. Il-manteniment f'dan il-kaz kien ghax-xahar ta' Lulju 2009 u mill-atti jirrizulta illi l-appellant gie

notifikat fis-7 ta’ Novembru 2009 – ara riferta a fol. 4. Barra minn hekk il-perijodu ta’ preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni tal-Qorti jew kuntratt, ikollha tithallas is-somma ndikata bhala manteniment. Ghalhekk m’hemm l-ebda dubju illi l-perijodu preskrittiv ma kienx iddekorra u konsegwentement dan l-ewwel aggravju huwa michud.

Il-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor is-segwenti. Fis-17 ta’ Settembru 2002 gie pubblikat min-Nutar Dottor Nicholas Vella kuntratt ta’ separazzjoni bejn l-appellant u martu. Skond il-klawzola numru tlieta (3), l-appellant kellu jhallas lil martu bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ tliet mitt liri Maltin (Lm300) fix-xahar, rivedibbli ai termini ta’ l-Indici ta’ l-Gholi tal-Hajja. Fis-6 ta’ Mejju 2009 intbaghtitlu ittra mill-*employer* tieghu biex jinfurmah li s-servizzi tieghu ma kinux aktar mehtiega, ossia li kien safa *redundant*. Fl-istess ittra gie nfurmat li l-ahhar gurnata ta’ l-impjieg tieghu kellha tkun l-1 ta’ Lulju 2009. Fis-17 ta’ Gunju 2009 kien se jipprezenta kawza sabiex issir revizjoni tal-manteniment izda gie nfurmat illi l-ewwel kellu jghaddi mill-process ta’ medjazzjoni. Ghalhekk fit-22 ta’ Gunju 2009 intbaghtet ittra lir-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn talab li ssir medjazzjoni u, fin-nuqqas ta’ ftehim, ikun awtorizzat jipprocedi b’kawza *ad hoc*. B’ittra tad-19 ta’ Awissu 2009 id-difensur ta’ l-appellant rega’ kiteb lir-Registratur sabiex jilmenta li t-talba ghall-medjazzjoni kienet ghadha ma bdietx miexja ‘l quddiem. Kien biss fis-16 ta’ Dicembru 2009 li, b’digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gie dikjarat li l-medjazzjoni kienet maghluqa u gie awtorizzat jipprocedi b’kawza *ad hoc*. Jidher li din il-kawza giet intavolata fit-12 ta’ Frar 2010. Sadattant peress illi safa bla xoghol l-appellant unilateralment naqqas il-manteniment li kien qieghed ihallas lil martu ghal €191 fix-xahar. Peress illi martu baqghet tinsisti li kellu jinghatalha l-ammont kollu miftiehem bil-kuntratt imsemmi, bdiet taghmel rapporti lill-Pulizija u effettivament gew inizjati diversi kawzi kontra l-appellant. Quddiem din il-Qorti hemm prezenzjalment sitt appelli (77/10, 78/10, 256/10, 257/10, 258/10 u 259/10) li jirrigwardaw rispettivament dawn il-perijodi: Jannar 2010, Lulju 2009, Marzu u April 2010, Frar 2010, Dicembru 2009

u Awissu sa Novembru 2009. L-ewwel zewg appelli gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Frar 2010 u l-erbgha l-ohra fil-31 ta' Mejju 2010. Wara li gew decizi l-kawzi fil-31 ta' Mejju 2010, l-appellant issellef is-somma ta' €6,094 sabiex ihallas il-pendenzi kollha izda minghajr ma kien qieghed jirrinunzja la ghall-appelli pendenti u lanqas ghall-kawza civili li kien istitwixxa tempestivament. Mart l-appellant fil-fatt xehdet li hija thallset il-pendenzi kollha. Jinghad ukoll illi l-appellant fil-frattemp baqa' jfittex ix-xoghol, sab xi xoghol temporaneju "bi flus totalment redikolu" izda mbaghad fit-30 ta' Marzu 2010 sab xoghol permanenti l-Libja izda kellu jittardja xahrejn biex jibda minhabba li faqqghet ix-*"Schengen issue"* bejn l-Isvizzera u l-Libja.

Issa, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Publius Said** moghtija fid-9 ta' Lulju 2003 intqal:

**"Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri' [18.9.2002] fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta (Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; 15.7.1998 ), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhall-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas."**

Fil-fatt fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002 intqal:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta'**

**manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

L-appellant jargumenta illi huwa sab ruhu rinfaccjat b'cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, li n-nuqqas tieghu ma kienx wiehed volontarju u li l-principju *ad impossibilia nemo tenetur* huwa ta' ostakolu biex tista' tinstab responsabbilta` kriminali. L-appellant jghid illi kieku ma kienx ghall-fatt li sab ruhu *redundant* kien ikompli jhallas il-manteniment fl-istess ammont li kien obbligat li jhallas.

Issa, din il-Qorti tapprezza l-fatt illi l-appellant ma qaghadx b'idejh fuq zaqqu u fittex ix-xoghol. Pero` tosserva li l-fatt illi ghandu zewg familji li jrid imantni ma jistax jitqies gustifikazzjoni biex ma josservax obbligu kuntrattwali lejn il-mara tieghu. Imbaghad l-appellant ma spjegax kif wasal ghall-figura ta' €191, u ghaliex baqa' jhallas dan l-istess ammont anke meta sab xoghol "bi flus totalment redikolu" – ma jghidx kemm kien qieghed idahhal minn dan ix-xoghol. Ma spjegax ghaliex ma ssellifx flus fiz-zmien opportun izda qaghad jistenna l-ezitu tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fil-31 ta' Mejju 2010 meta allura s-somma kienet telghet sostanzjalment. Jghid ukoll illi ibnu suppost ihallas kera ta' hanut fl-ammont ta' Lm300 fix-xahar u ilu seba' snin ma jhallas. Tifhem illi ma xtaqx jiehu passi kontra ibnu izda l-passi semmai kienu jkunu passi civili u mhux kriminali bhalma jidher li kien taht l-impressjoni li kellu jiehu l-appellant. Din il-Qorti tapprezza wkoll il-fatt illi kien hemm dewmien fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), izda dan ma jbiddel xejn mill-gurisprudenza citata hawn fuq.

Ghall-integrazzjoni ta' kontravvenzjoni, ghar-rigur tad-dritt, hu bizzejjed il-fatt materjali, u ghalhekk l-element psikiku hu soddisfatt bis-semplici volontarjeta`. Bhalma ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija v. Anthony Mallia** moghtija fl-24 ta' Frar 1960:

**"Trattandosi ta' kontravvenzjonijiet, hu ormaj pacifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-gurisprudenza li ghall-imputabilita` bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt. Huwa bizzejjed, cioe`, illi l-imputat kien kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss, allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali (ara Vol. XXIX.iv.553 u Vol. XXX.iv.539)."**

F'dan il-kaz jista' jinghad illi l-appellant "ried il-fatt" billi unilateralment naqqas l-ammont ta' manteniment li kellu jhallas lil martu. Ghalhekk teknikament twettaq ir-reat. Mill-banda l-ohra ic-cirkostanzi kollha elenkati, maghduda l-fatt tal-pagament u l-fedina penali kompletament netta tieghu) huma cirkostanzi li jimmilitaw favur temperament fil-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet mill-kaz.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u in kwantu ordnat li jhallas lill-mara tieghu s-somma ta' €513 fi zmien xahrejn ai termini ta' l-artikolu 24 ta' l-istess Kap. 446, u minflok tilliberah bla kondizzjoni (*absolute discharge*) a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------